# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Mejju, 2023**

**Numru 5**

**Rikors Numru 396/2020/1**

**Joseph Filletti, K.I. 0236036M, f'ismu proprju u bħala eredi universali ta' martu Emmanuela Filletti, K.I. 0760136M**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Limited, C30053**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Attur Joseph Filletti magħmul ai termini tal-artikolu 825 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta datat 9 ta' Frar 2023.

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' Konvenuta GlobalCapital Financial Management Limited tal-10 ta' Marzu 2023.

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta appositament appuntata fit-8 ta' Mejju 2023.

Reġgħet rat l-atti, dokumenti u xhieda kollha fl-atti tas-Sentenza tal-31 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet premessi.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Dan huwa rikors ai termini tal-artikolu 825 li jiddisponi hekk:

*"(1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jimpedux lill-qorti, fuq rikors ta' waħda mill-partijiet, li għandu jiġi nnotifikat lill-parti l-oħra, milli tikkorrieġi b'digriet, f'kull żmien, xi żball ta' kalkolu li jkun sar fis-sentenza.*

*(2) Lanqas ma jimpedixxu lill-qorti milli tikkorreġi żbalji fil-kliem użat fis-sentenza, jew milli tbiddel espressjonijiet li ma jkunux ċari, jew li jistgħu jiftiehmu xort'oħra minn dak li kif jidher ċar riedet tfisser il-qorti, kemm-il darba jsir rikors għaldaqshekk fiżmien tletin ġurnata minn dak in-nhar tas-sentenza, u f'dak il-każ, iż-żmien mogħti minn dan il-Kodiċi għall-appell mis-sentenza li tkun ġiet hekk ikkorreġġuta, jibda jgħaddi minn dak in-nhar tad-digriet mogħti fuq it-talba għall-korrezzjoni*".

Minn qari tar-rikors il-Qorti tasal għall-konkluzjoni, li safejn jirrigwarda t-talba għall-korrezzjoni fil-kalkolu matematiku tal-konverżjoni żbaljata tal-munita estera għal dik ewro, dan jaqa' taħt l-ewwel sub-artikolu.

Kwantu għall-korrezzjoni ta' kunjom ta' xhud, li tassew li ta' xhieda utli, peress li din ma hiex kwistjoni ta' żball matematiku, talba bħal din taqa' taħt it-tieni sub-artikolu. Talba li jekk ma tintlaqax jista' jkollha effetti fatali għall-partijiet. Għalkemm il-liġi ma tesiġix li jsir smiegħ, bħal fil-każ tal-proċedura *ab ommissa decisione*, ma hemm xejn li jżomm lill-Qorti milli tordna s-smiegħ tar-rikors, b'mod partikolari jekk dak li jkun qiegħed jiġi mitlub li jkun korrett, jista' jaffettwa s-sustanza tas-Sentenza. Ghalhekk

id-dewmien f'din il-proċedura, jekk ma tintlaqax il-korrezzjoni, tista' tkun fatali għaliex ikun skada t-terminu tal-appell.

Fit-tieni lok, din il-Qorti tawspika li meta jsiru talbiet li jirrigwardaw kundanni f'ammont ta' flus, jekk dak li jkun qed jintalab ikun jirrigwarda ammont li fl-oriġini tiegħu kien f'munita estera, ġaladarba l-kundanna ser tingħata fil-munita lokali, ikun aħjar għall-attur li l-konversjoni tissemma' fl-att promotur. Ma hi ħaġa sewwa xejn, li dan l-eżerċizzju jitħalla f'idejn il-Qorti, mhux biss għaliex huwa fl-interess tal-parti li jressaq sewwa l-provi tiegħu, iżda għaliex ukoll il-Qorti la hi skrivana u l-anqas komputista tal-parti. Dak li trid tagħmel il-Qorti hu li tapplika l-liġi u dak kollu lil hinn minn dan l-obbligu trid tintrefa' mill-parti.

Kwantu għall-artikolu 825(1), huwa ben stabbilit li bl-applikazzjoni tiegħu ma jkunx qiegħed jinbidel ġudikat. Bħala prinċipju s-Sentenza tibqa' intokkabbli. Kull ma jinbidel – kemm-il darba l-Qorti tilqa' t-talba – huwa li tiġi kkoreġuta l-aritmetika biex tiġ i konformi mal-intenzjoni vera tal-Qorti. Dan l-eżerċizzju mhux mezz ta' impunjazzjoni tas-Sentenza. Mhuwiex appell u lanqas ritrattazzjoni. Dan għaliex mal-prolazzjoni tas-Sentenza, tiġi mitmuma l-kompetenza tal-Qorti li ppronunzjatha. Fi kliem Ulpjanu, L.55. D. de jure judic.: *iudex postea quam sententiam dixit, postea iudex esse desinit, et hoc iure, ut judex, qui semel vel pluris vel minoris condemnavit, amplius corrigere sententiam suam non posset; semel enim male seu bene officio functus est.*

B'danakollu, m'hemmx kwistjoni li l-liġi tagħna kif ukoll il-liġijiet kontinentali u d-dottrina tagħhom, jippermettu, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, il-korrezzjonijiet ta' żball materjali fuq l-awtorita` tad-Dritt Ruman, li fil-L.46 Dig De re judicata jafferma li "*actorum verba emendare, tenore sententiae perseverante, non est prohibitum*". Anki l-ġurisprudenza tagħna hija konkordi fuq hekk (Ara **Appell tal-31 ta' Mejju 1869 fl-ismijiet Borg -vs- Giordimaina u Appell tat-8 ta' Mejju 1880 fl-ismijiet Negt Amabile Demarco -vs- Negt Giovanni Semini**).

Dawn il-prinċipji huma ukoll applikabbli għall-artikolu 825(2) salv għal dak li ntqal dwar id-dekorrenza tat-terminu tal-appell. Għalhekk, huwa fid-dawl ta' dawn il-principji li din il-Qorti ser tkun qed tikkonsidra t-talbiet li għandha quddiemha.

Il-Qorti reġgħet eżaminat l-atti u jidher li huwa minnu li din il-Qorti meta għamlet il-konverzjoni tal-valura tal-munita għall-oħra tassew ħadet żball. Kwantu għat-talba rigwardanti l-imgħaxijiet din il-Qorti tħoss li ma għandha xejn xi tbiddel peress li s-Sentenza hija ċara. Hija taqbel mar-risposta tas-Soċjeta' konvenuta f'dan ir-rigward stante li l-imgħax ġie ikkalkolat fuq it-telf u mhux fuq il-kapital li kien investit. Dan qiegħed jingħad fir-rigward tat-talba ai termini tal-artikolu 825(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kwantu għat-talba biex ikun korrett fis-Sentenza l-isem tax-xhud minn Paul Debono għal Paul Bonello, dan huwa manifestament ċar li kien

*lapsus calami.* Peress li din il-Qorti kienet aċċettat lil dan ix-xhud bħala espert fil-qasam tiegħu, ikun xieraq li ismu jiġi korreġġut kif mitlub kull fejn jidher fis-Sentenza.

**Decide**

Għaldaqstant, filwaqt li qed tikkonferma s-Sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 2023 salv għal dak li qed ikun deċiż f'din il-proċedura, qed tiddeċiedi din il-vertenza b'dan il-mod:

Sa fejn jirrigwarda artikolu 825(1):

**Tilqa' t-talbiet** tal-Attur u tordna li fis-Sentenza imsemmija ssir il-korrezzjoni relattiva fis-sens.

1. Dik il-parti tad-deċiżjoni taħt Paragrafu Numru 1 f'pagna 36 speċifikament fl-ewwel tlett sentenzi tagħha, għandha taqra kif ġej:

   "*1. L-investiment li sar f'Diċembru 2004 fl-ammont ta' £Stg5,976. Ekwivalenti għal €8,788 bir-rata ta' £Stg0.68 g,ħal kull Ewro, piu' 10% inflazzjoni li tammonta għal €9,667, li minnu 30% irid jassorbihom l-attur għar-raġunijiet fuq spjegati. Għalhekk l-ammont liwidat u dovut għal dan l-investiment jammonta għal €6,767 …*"

2. Dik il-parti tas-Sentenza taħt paragrafu 3 f'paġna 37, speċifikament l-ewwel tlett sentenzi tagħha, għandha taqra kif ġej:

"*2. L-investiment li sar f'April 2006 fl-ammont ta'* £Stg200,000: Telf ta' £Stg34,549. Ekwivalenti għal €51,565 bir-rata ta' £Stg0.67 għal kull Ewro, piu' 10% inflazzjoni li tammonta għal €56,721, li minnu 30% irid jassorbihom l-attur għar-raġunijiet fuq spjegati. Għalhekk l-ammont likwidat u dovut għal dan l-investiment jammonta għal €39,704 …*"*

**Ticħad it-talbiet tal-Attur** inkwantu dawn huma indirizzati għal mod kif ġie komputat l-imgħax.

Sa fejn jirrigwarda artikolu 825(2)

**Tilqa' it-talba** u tordna korrezzjoni fis-Sentenza fejn kull saret referenza għal Paul Debono, ismu jiġi korrett għal "Paul Bonello".

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss, li la darba din il-proċedura ġiet preċipitata minħabba żball tal-Qorti, il-partijiet qed ikunu eżentati milli jħallsu kwalunkwe spejjes tar-Reġistru. Kwantu għad-drittijiet rispettivi tal-konsulenti, kull parti isoffri l-ispejjes tagħha.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**